MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 145/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-3 ta’ Awissu 2001, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom [illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**], u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-kontendenti kienu ilhom jafu lil xulxin minn meta kienu ghadhom tfal. Imbaghad ir-relazzjoni bejn il-kontendenti bdiet meta l-esponenti kellha madwar dsatax-il sena, filwaqt illi l-konvenut kellu madwar tmintax-il sena;

Illi ladarba spicca l-eccitament tal-bidu tar-relazzjoni bejn il-kontendenti, l-esponenti bdiet thoss illi hija ma kinitx ghadha thobb lill-konvenut u illi r-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet sempliciment rutina ohra f'hajjitha. Effettivament tul l-gherusija tal-kontendenti, l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tittermina r-relazzjoni taghha mal-konvenut, u jekk kien hemm xi ragunijiet ghaliex il-kontendenti baqghu flimkien sakemm eventwalment izzewgu, dawn kienu unikament ir-rigali illi l-konvenut kien jaghti lill-esponenti sabiex jigbidha lejh, u l-insistenza tal-familjari ta' l-esponenti, partikolarment ta' ommha, illi kienet konvinta illi l-konvenut kien is-sieheb ideali ghal bintha;

Illi l-esponenti kienet imdejqa hafna fid-dar tal-genituri taghha, u dana minhabba l-glied regolari illi hija kien ikollha ma' ohtha. B'hekk, meta missier l-esponenti taha l-opportunita' illi tmur toqghod f'post illi huwa kellu, u l-konvenut beda jinsisti illi jmur ighix maghha fl-istess post, l-esponenti minghajr hafna hsieb, iddecidiet illi tizzewweg lill-konvenut. Dan sar peress illi, in vista tal-mentalita' konservattiva ta' ommha, illi qatt ma kienet ser taccetta illi bintha tmur tghix mal-konvenut meta kienet ghadha mhix mizzewga, l-esponenti hassitha kostretta illi tizzewweg sabiex ma titlifx l-opportunita' illi titlaq mid-dar tal-genituri taghha;

Illi l-esponenti dejjem zammet f'mohhha l-possibilta' illi tittermina z-zwieg taghha hekk kif tixba' mill-hajja mizzewga, kif fil-fatt ghamlet hekk kif tfaccjaw l-ewwel problemi fiz-zwieg taghha u ltaqghet ma' ragel iehor. Din ma kinitx l-ewwel darba tul ir-relazzjoni taghha mal-konvenut illi l-esponenti kellha sentimenti qawwija ghal ragel iehor – effettivament dan sehh anke qabel iz-zwieg u kien ir-raguni ta' wahda mill-okkazzjonijiet meta l-esponenti ttentat tittermina r-relazzjoni taghha mal-konvenut;

Illi b'hekk isegwi illi l-kunsens ta' l-esponenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u dana stante illi meta accettat illi tizzewweg lill-konvenut, l-esponenti

eskludiet il-permanenza, l-indissolubbilta' u l-fedelta' fiz-zwieg;

Illi inoltre, peress illi ma kinitx tara permanenza fir-relazzjoni taghha mal-konvenut, l-esponenti dejjem eskludiet illi jkollha t-tfal ma' l-istess konvenut, u kwindi anke f'dan ir-rigward tirrizulta l-eskluzjoni pozittiva da parti ta' l-esponenti ta' wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg;

Illi b'hekk isegwi illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bil-qerq ta' l-esponenti illi bl-azzjonijiet taghha gieghelitu jemmen illi hija kienet thobbu u illi riedet tinghaqad mieghu fiz-zwieg, meta fil-fatt, l-esponenti qatt ma kellha l-intenzjoni illi jkollha tfal mill-konvenut ghaliex ma kinitx tara permanenza fl-ghaqda taghha mal-konvenut u b'hekk ma riditx tintrabat mieghu billi jkollha t-tfal minnu;

Illi da parti tieghu, meta zzewweg lill-esponenti, il-konvenut kien ghadu immatur, u kien dejjem mitluf fid-delizzji tieghu, b'dan illi ghalkemm issa kien izzewweg lill-esponenti, huwa baqa' jghix hajja separata minn dik ta' l-esponenti;

Illi minn dak kollu fuq premess, isegwi ukoll illi meta accettaw illi jizzewgu, il-partijiet kienu ghadhom immaturi hafna, b'dan illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga illi ghamilha impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, fosthom ai termini tas-subincizi (1) (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19;

Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit 3 ta' Awissu 2001 jigi

dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, u senjatament ghalkemm mhux limitatament ai termini ta' l-Artikolu 19(1) (c), (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;
Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-3 ta' Awissu 2001, huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, fosthom is-subincizi (1) (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat C D ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti huma essenzjalment kif spjegati mir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni taghha. Il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin mic-cokon. Regghu ltaqghu u bdew johorgu flimkien meta kellhom dsatax u tmitax-il sena. L-attrici tghid li d-dar kienet mdejqa. Xtaqet tmur tghix ghar-rasha pero' l-genituri ma ridux jafu. Kien hemm mument meta l-gherusija thassret pero' tal-familja ipperswadew lill-attrici tirranga. Iz-zwieg sar u spicca tfarrak. L-attrici issa qeghda f'relazzjoni ohra u ghandha wild.

Il-Qorti tibda biex taghmel zewg osservazzjonijiet u cioe' l-ewwel fit-talba taghha, l-attrici, tinvoka id-dispozizzjonijiet tal-Art. 19 tal-Att dwar iz-Zwieg, fosthom is-subincizi (1) (c) (d) u (f). Il-Qorti tiddikjara li m'hijiex f'dan il-kuntest disposta toqghod tgharbel u tfittex fejn jistghu jinkwadraw ruhhom il-fatti ta' dan il-kaz u ghalhekk sejra tillimita ruhha ghas-subincizi citati, u cioe' is-subincizi 1 (c), (d) u (f).

Il-Qorti mbaghad, tghaddi biex tosserva ukoll illi fl-ambitu tal-ligi li tirregola z-zwieg u l-kawzi li dan jimporta, il-Qrati Maltin dejjem irritenew illi:

“F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.” (“Anna Tonna vs Alexander Tonna” deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).”

Kif ukoll,

“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega. (“Joseph Zammit vs Bernadette Zammit,” deciza mill-Qorti tal- Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006).

F’dan l-isfond il-Qorti ser tezamina l-fatti tal-kaz in ezami llum u tevalwa sa fejn jissodisfaw dak li trid il-ligi, dan kif konsistentement interpretata minn dawn il-Qrati.

L-ewwel ma tinvoka l-attrici huwa s-subinciz 1 (c) tal-Artiklu 19 tal-Ligi:

"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."

L-attrici tinvoka qerq. Ma tghidx minn min u fuq min il-Qorti tassumi li kienet hi li skond hija stess, qarrqet bil-konvenut. Il-Qorti tghid mal-ewwel li ma ssib ebda prova sodisfacenti ta' qerq. Kienet tkun facli hafna ghall-attrici tinvoka qerq da parti taghha stess meta hadd ma jista' jsib fic-cert x'kellha f'mohhha fil-mument taz-zwieg.

Ir-rikorrenti tinvoka mbaghad is-subinciz 1 (d) tal-Artiklu 19 liema subinciz testwalment jghid hekk:

"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."

Hawnhekk, il-Qorti tibda biex tiskarta l-possibilta' tal-ezistenza ta' anomalija psikologika. F'dan il-kuntest pertinenti ferm l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri" (deciza fid-9 ta' Frar, 2001), fejn intqal:

"Il-gudikant kellu jkun sodisfatt illi l-anomalija psikologika kienet ta' gravita' tali li kienet tirrendi lill-persuna nkapaci li konxjament u valutament jaghti l-kunsens tieghu biex jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."

Ghalhekk, fil-kuntest ta' dan is-subinciz invokat, wiehed irid jezamina jekk il-fatti ta' dan il-kaz jippruvawx difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga. Fuq din il-materja, il-Qorti tal-Appell, fil-kawza "Janet Portelli vs Victor Portelli" (deciza fl-14 ta' Awissu, 1995), kellha dan xi tghid:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient*

*intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Il-Prim'Awla ukoll fil-kawza "Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri" (deciza fl-10 ta' Novembru 1995) fissret dan is-subinciz fis-sens illi:

"Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma ssib xejn minn dan kollu. Kien hemm nuqqas ta' hsieb u saret decizjoni zbaljata, imma ma jezistux il-presupposti ghall-ezistenza ta' dan il-caput nullitatis.

Ghalkemm ma tressqitx bhala kawza li l-fatt li r-rikorrenti kienet fil-fatt sfurzata tizzewweg mic-cirkostanzi, din il-Qorti qieghda xorta wahda taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet, u dan in vista tar-referenzi li saru fl-affidavit tar-rikorrenti u l-familjari taghha.

Din il-Qorti ma tqisx ta' valur il-fatt li omm ir-rikorrenti haditha bi kbira meta hassret l-gherusija. Ir-rikorrenti tidher minn kliemha li m'hijiex xi persuna li ma tafx xi trid jew li thalli lil min jigbidha minn imnehirha.

Lanqas ma tikkunsidra ta' valur din il-Qorti in-nuqqas ta' relazzjoni tajba li l-ahwa jghidu li kellhom bejniethom. Meta jispecifikaw id-dettalji jaslu biss sal-fatt li jiggieldu fuq imbarazz fil-kamra u tehid ta' hwejjeg, tilwimiet dawn li jezistu bejn hafna ahwa u l-Qorti ssibha difficli tifhem kif setghu iwasslu ghall-ghaggla li kellha r-rikorrenti li titlaq mid-dar.

Il-Qorti lanqas ma tista' temmen kif, f'temp ta' ftit zmien, l-attitudni ta' omm ir-rikorrenti nbiddlet tali kif qed jigi mpengi. Fil-bidu, jinghad li kienet konservattiva u lanqas biss kienet tahseb li tippermetti li bintha tghix ghal rasha filwaqt li donnu ma kellhiex problemi li bintha ssiefer mal-gharus. Imbaghad tinqaleb il-folja u tiggusta lil bintha kuntenta f'relazzjoni ta' xejra adultera b'wild barra z-zwieg.

Dan, fil-fehma tal-Qorti, jimpingi fuq il-kredibilita' kemm tar-rikorrenti kif ukoll ta' ommha. It-ton kwazi letterarju tad-diversi affidavit prodotti lil din il-Qorti ma kkonvinciha xejn.

Jibqa' ghalhekk lill-Qorti li tqis id-dispozizzjoni tas-subinciz 1 (f) in relazzjoni mal-fatti ta' dan il-kaz.

Artiklu 19 (1) (f):

"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi din l-eskluzjoni tista' tkun implicita. F'dan is-sens, fil-fatt, ippronuncjat ruhha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech" (deciza fl-14 ta' Marzu 1995) kif ukoll fil-kawza "Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe" (deciza fl-10 ta' Novembru, 1999).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tikkonsidra li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda

internament u b’att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens jew teskludi xi element essenzjali ghaz-zwieg (“Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech,” (deciza fl-14 ta’ Awissu, 1995).

Il-provi f’din il-kawza ma jwasslux lill-Qorti ghall-konkluzjoni li din l-eskluzjoni effettivament sehhet. Il-leggerezza li bih ir-rikorrenti dahlet ghaz-zwieg m’hijiex fiha nfisha indikazzjoni ta’ eskluzjoni. Il-Qorti hawnhekk tirreferi ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “Adrian Busietta vs Eileen Busietta” (deciza fit-30 ta’ April, 2009).

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------